MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1478/2004

**Retail Services Limited u b'digriet tat-Tribunal tal-1 ta' Marzu, 2005 saret korrezzjoni fl-isem tal-kumpanija attrici billi minflok il-kelma "Services" ikun hemm il-kelma "Solutions"**

**Vs**

**Roy Steer**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat jirrifondi s-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) lilu mhallsa *on account* ta' *sales commission* bil-quddiem u dan abbazi ta' kuntratt ta' mpjieg ghall-perjodu indefinit li gie esebit bhala Dok. A.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-eccipjenti hadem mas-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' sitt gimghat mit-23 ta' Lulju, 2003 u ghalhekk kien intitolat li almenu jithallas il-paga minima nazzjonali, z-zidied ta' l-gholi tal-hajja, oltre l-*allowances* ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fix-xahar imsemmija fl-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' mpjieg datat 8 ta' Lulju, 2003. Illi l-konvenut ipprevvalixxa ruhu u pprezenta Kontro-Talba fejn talab li s-socjeta' attrici tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm333.78c) dovuta lilu bhala bilanc ta' hlas dovut lilu talli hadem mas-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' sitt gimghat dekoribbli mit-23 ta' Lulju, 2003 kif ukoll *allowance* dovuta lilu fl-istess perjodu a tenur tas-Sub-Artikolu (ii) ta' l-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' mpjieg datat 8 ta' Lulju, 2003.

Ra r-Risposta tal-Kontro-Talba li biha l-attur wiegeb li t-talba rikonvenzjonali hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2154 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 47 ta' l-Att XXII tal-2002 u talvolta li l-ammont mitlub jirrapprezenta paga dovuta lilu talli hadem. Illi minghajr pregudizzju illi mhux dovut ebda ammont lill-konvenut rikonvenzjonat billi kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Ramon Micallef u ta' Roy Steer.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ingrid Spiteri Bailey ghas-socjeta' attrici u tal-PL Peter Sammut ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut kien jahdem Bay Street u wara diversi tentattivi accetta l-offerta maghmula lilu mis-socjeta' attrici biex imur jahdem maghhom f'kumpless li huma hadu f'Portomaso li dak iz-zmien kien ghadu *in shellform*. Il-konvenut gie mpjegat bhala Operations Manager u dak iz-zmien il-kumpless kien ghadu ma nfetahx, u xoghol il-konvenut dak iz-zmien kien biex ifittex klijenti prospettivi sabiex jikru l-ambjenti kummercjali fil-kumpless.

Il-konvenut hadem total ta’ sitt gimghat izda wara dan iz-zmien iddecieda li jitlaq u mar lura lejn ix-xoghol li kellu qabel.

L-ewwel kwistjoni li ghandha tigi determinata f’din il-kawza huwa jekk bejn il-partijiet ghadux jopera dak li hemm dispost fil-kuntratt ta’ mpjieg li jinsab esebit a fol 14 tal-process. Il-konvenut fix-xhieda tieghu qal illi l-firma li hemm fejn ismu m’hijiex il-firma tieghu izda t-Tribunal jidhirlu li ghalkemm dan jista’ jkun stante li mad-daqqa t’ghajn din il-marka ma tikkombacjax perfettament mal-firma li huwa wera lit-Tribunal fuq il-karta ta’ l-identita’ tieghu, jirrizulta pero’ illi fir-Risposta u fil-Kontro-Talba tieghu, l-konvenut qieghed jibbaza d-difiza tieghu u l-Kontro-Talba tieghu proprju fuq l-istess skrittura u ghalhekk galadarba huwa ghazel triq li jibbazza l-linja difensjonali tieghu f’din il-kawza, ma jistax ibiddel il-via ta’ l-istess linja billi jghid li dak il-ftehim ma jorbotx.

Meta huwa pprezenta Risposta li proprju bbaza l-kontenut taghha fuq dak li hemm dispost f’dan il-ftehim, it-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jiddeciedi illi fil-fatt dak il-kuntratt t’impjieg huwa l-kuntratt li jirregola r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Illi inoltre, m’huwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi fiz-zmien li l-konvenut hadem mas-socjeta’ attrici l-kumpless ma kienx ghadu miftuh.

Fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet huwa intiz li jkun hemm zewg skali ta’ kumpens pagabbli lill-konvenut, bejn il-*commencement date* sakemm il-kumpless kummercjali jinfetah, ma kienx intiz li l-konvenut jircievi paga izda li jiehu biss hamsa fil-mija (5%) *sales commission*, *allowance* ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) fix-xahar biex ikopru t-*telecommunication* u t-*travelling costs* u inoltre, jekk il-*commission* ma tkunx lahqet il-hames mitt lira Maltin (Lm500), huwa jircievi somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) fix-xahar *over and above* l-*allowance* ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

Il-konvenut jghid li fil-fatt il-ftehim bejn il-partijiet kien li jithallas tmien mitt lira Maltin (Lm800) fix-xahar oltre l-*allowances*, izda mid-dokument miktub jidher li l-ftehim huwa differenti u f'cirkostanzi, stante li hemm ftehim bil-miktub huwa dan li ghandu jorbot, pero' t-Tribunal ihoss ukoll illi m'huwiex gurisdikament koncepibbli u lanqas m'huwa permess skond il-ligi illi mpjegat imur jahdem minghajr ma jkollu paga. Dan il-ftehim donnu jaghti x'jifhem illi sakemm il-kumpless jinfetah, l-Operations Manager, persuna responsabbli w affidata, ser taghmel dak ix-xoghol ta' certu responsabbilta' minghajr ma tircievi paga. Fil-fatt jekk wiehed jara l-breakdown ta' kif sar il-hlas lill-konvenut ta' sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm683.31c) (net) a fol 30 tal-process, l-istess socjeta' attrici ddeskriviet illi s-salarju tieghu kien ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) pero' dan m'huwiex rifless fil-ftehim ghaliex fil-fatt fil-ftehim m'hemm intiz ebda salarju pagabbli lill-konvenut.

It-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi kif inhuma, hawnhekk hawn lacuna li ghandha timtela fuq bazi ta' ekwita. Ma jistax jigi njorat illi l-konvenut kellu *job* fiss ma' Bay Street u kien wara diversi tentattivi da parti tas-socjeta' attrici li huwa accetta li jmur jahdem maghha, presumibbilment sabiex itejjeb il-kundizzjonijiet tieghu, u certament zgur ma kienx jitlaq kieku ntebah illi ma kienx ser jithallas salarju sakemm il-kumpless jinfetah.

It-Tribunal verament jemmen illi fid-diskors li sar bejn il-partijiet, il-konvenut inghata x'jifhem illi huwa kien ser jircievi tmien mitt lira Maltin (Lm800) fix-xahar.

Inoltre, t-Tribunal huwa konvint ukoll illi f'dawk is-sitt gimghat li l-konvenut hadem mas-socjeta' attrici huwa verament ghamel l-almu tieghu f'cirkostanzi li kienu verament difficli stante li l-kumpless ma kienx ghadu miftuh u kellu jaghmel il-*marketing* tal-kumpless fuq bazi ta' pjanti u *feasibility studies*. B'rizultat tal-hidma tal-konvenut fil-fatt instab klijent -Diamonds International Limited - li fil-fatt eventwalment huwa wiehed mill-klijenti li waslu fi ftehim mas-socjeta' attrici – ghalkemm il-ftehim formali gie ffirmat wara li ntemm l-impjieg mal-konvenut.

It-Tribunal m'ghandux dubju pero' li kien proprju tramite l-operat tal-konvenut li dan il-klijent kien instab.

Illi ghalhekk, kontrarjament ghal dak li qieghdin itennu l-atturi, l-konvenut verament haqqu li jircievi *commission*. U galadarba ma ngabu l-ebda provi quddiem dan it-Tribunal kemm kien l-ammont ta' kumpens li hallset il-kumpanija Diamonds International Limited ma kienx possibbli ghal dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi, 'l hawn jew 'l hemm, jekk il-*commission* ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) huwiex gholi jew baxx. F'kull kaz pero' t-Tribunal jidhirlu illi jkun xi jkun l-ezitu, l-konvenut haqqu li jircievi kumpens li jkopri, minn barra l-mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) *allowances*, salarju li jkun xieraq ghall-persuna li tokkupa grad ta' Operations Manager.

Il-konvenut jghid li hadem sitt gimghat izda mill-FS3 a fol 39 tal-process jirrizulta li fil-fatt huwa hadem ghal hames gimghat. Ta' dawn il-hames gimghat huwa thallas tmien mija u sitta u disghin lira Maltin (Lm896) u t-Tribunal jidhirlu illi tali hlas huwa xieraq u m'huwiex il-kaz li jigi varjat. Minn din is-somma tnaqqsu d-deduzzjonijiet kif jirrizulta minn Dok. B a fol 18 tal-process u mill-FS7 li tinsab a fol 40 tal-process u ghalhekk kemm it-talba attrici kif ukoll il-Kontro-Talba ma jisthoqqx li jigu akkolti.

Ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni din qed tigi michuda u dan billi ma tirrizulta l-ebda talba fil-mertu li hija preskrivvibbli.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal ihoss ukoll illi stante li qieghdin jigu michuda t-talbiet rispettivi tal-partijiet, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejniethom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-socjeta' attrici u l-Kontro-Talba tal-konvenut. L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------